# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 5 ta' Frar, 2001**

**Numru: 1**

**Citazzjoni Numru: 877/90 JF**

**John Scicluna, fil-kwalita' tieghu ta' chairman, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta u b'nota tal-5 ta' Mejju 1992 Dr. Richard Galea Debono assuma l-atti tal-kawza in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta minflok John Scicluna u b'nota tad-9 ta' Jannar 1996 Saviour Farrugia assuma l-atti tal-**

**kawza minflok Dr. Richard Galea Debono. U b'digriet tas-16 ta' April 1998 is-socjeta' kummercali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza attrici.**

**vs**

**Doris Vella u b'digriet tal-20 ta' Jannar 1994 gew nominati kuraturi deputati Dr. Rachel Spiteri Bonello u l-P.L. Gerald Bonello stante l-mewt ta' Doris Vella. U b'digriet tat-28 ta' Marzu 1994 gew mahruga l-kuraturi tal-elenku u ddahhlu minflokhom John Vella, Stephen Vella u Josette Fava. U b'digriet tas-6 ta' Gunju 1994 gie kjamat in kawza Natalino Azzopardi. U b'digriet tat-22 ta' Gunju 1998 gie kjamat in kawza Joseph Schembri. U b'digriet tal-25 ta' Jannar 1999 gew nominati l-Avukat Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Madeline Firman bhala kuraturi**

**deputati ghall-assenti Joseph Schembri.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ezistenti bejn il-partijiet il-konvenuta ghandha taghti lill-attur nomine s-somma ta' Lm1,974.24,0 (elf disa' mija u erbgha u sebghin lira Maltin, erbgha u ghoxrin centezmu), ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 473618 li kien stallat fil-fond Steve Bar & Dolores Inn Guest House, Bugibba u liema servizz kien jikkonsisti fil-kera tas-servizz, telefonati lokali u telefonati ghal barra (overseas calls), apparat tat-telefon mhux ritornat, 'connection fee' u 'reconnection fees'.

U premess illi ghad li l-attur nomine nterpella lill-konvenuta biex thallas dana l-ammont hija baqghet inadempjenti;

Talab li dina l-Qorti:

1. Tikkundannaha thallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm1,974.24,0 (elf disa' mija u erbgha u sebghin lira Maltin, erbgha u ghoxrin centezmu) dovuti ghall-kera tal-linja, telefonati lokali u telefonati ghal barra (overseas calls), apparat tat-telefon mhux ritornat, 'connection fee' u 'reconnection fees' relattivament ghas-servizz tat-telefon bin-numru 473618 li l-attur nomine fuq talba tal-konvenut kien stalla fil-fond 'Steve Bar & Dolores Inn Guest House', Upper St. Anthony Street, Bugibba. Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi jirrizulta li s-servizz tat-telephone inaghta fil-fond in kwistjoni meta dan kien mikri lil certi Joe Schembri u Natalino Azzopardi u ghalhekk billi ma kienetx l-esponenti li ghamlet uzu mill-istess servizz, it-talbiet attrici fil-konfront taghha ma jistghux jigu milqugha.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza NATALINO AZZOPARDI fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-eccipjent m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz, it-talbiet attrici huma preskritti ghat-tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Madeline Firman fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati ghall-assenti Joseph Schembri fejn eccepew bir-rispett:

1. Illi huma mhux edotti mill-fatti tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti.

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li l-Korporazzjoni attrici qeghda titlob l-ammont ta' Lm1,974.24c (elf disa' mija u erbgha u sebghin lira Maltin, erbgha u ghoxrin centezmu) u in konnessjoni ma' kera ta' servizz, telefonati lokali u telefonati ghal barra minn Malta, apparat tat-telefon mhux ritornat, 'connection fee' u hlas tar-'reconnection fee', u dana kollu riferibbilment ghal-linja tat-telefon bin-numru 473618 installata fil-fond Steve Bar & Dolores Inn Guest House, Upper St. Anthony Street, Bugibba u dana kif jidher mill-prospett dettaljat a fol. 8 u 9 tal-process (ara Dok D). Illi ghalkemm fl-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Natalino Azzopardi hemm eccepit ukoll li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, ma jirrizultaw ebda provi li b'xi mod iqeghdu fid-dubju il-quantum mitlub jew il-konsistenza tas-servizzi u 'items' li gew elenkati mill-parti attrici fil-prospett surreferit. Il-kontestazzjoni hija principalment dwar min legalment ghandu se mai jirrispondi ghal dan id-debitu u hemm imbaghad ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi ghall-fini tar-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza huwa fl-ewwel lok mehtieg

li jigi pprecizat sewwa sew kontra min illum qeghda ssir it-talba attrici in vista tal-izviluppi li kien hemm fil-parti konvenuta. Di fatti mill-atti jirrizulta li l-konvenuta Doris Vella mietet fil-mori tal-kawza u fl-ewwel lok gew mahturin bhala kuraturi deputati ghall-parti konvenuta, Dr. Rachel Spiteri Bonello LL.D. u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello b'digriet tal-Qorti tal-20 ta' Jannar 1994. In segwitu pero', b'konsegwenza ta' nota datata l-24 ta' Jannar 1994, John Vella, armel tal-mejta Doris Vella u uliedha Stephen Vella u Josette Fava accettaw huma l-bandu kif ukoll li jirraprezentaw il-wirt tal-mejta Doris Vella li allura jfisser li dawn it-tlett persuni llum huma l-konvenuti f'din il-kawza. Din it-talba u l-ezoneru tal-kuraturi deputati giet konfermata b'digriet moghti fit-28 ta' Marzu 1994 (ara fol. 54 ta' process). Intalbet imbaghad il-kjamata fil-kawza ta' Natalino Azzopardi u din it-talba giet akkordata fl-14 ta' Gunju 1994. Il-kjamat fil-kawza jidher li saritlu notifika fit-22 ta' Gunju 1994 fil-Habs Civili pero' ma jirrizultax li pprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk jidher li dan Natalino Azzopardi baqa' kontumaci (ara wkoll verbal tal-31 ta' Ottubru 1994, fol. 62). Il-kawza marret <u>sine die</u> u jidher li kien hemm diversi diffikultajiet ghal fini ta' riappuntament. Sorprendentement, il-konvenuti regghu talbu mill-gdid il-kjamata fil-kawza ta' Natalino Azzopardi, il-parti attrici ma opponietx, u dan Azzopardi intavola nota ta' l-eccezzjonijiet – ara fol. 84 tal-process. Fit-22 ta' Gunju 1998, wara aktar kumplikazzjonijiet procedurali (fol. 91), il-kjamat fil-kawza talab li jissejjah fil-kawza wkoll Joseph Schembri li jissemma' fi skrittura li

dwarha kien xehed Dr. Aldo Vella li kien irredigiha (ara Dok DV, fol. 97 – 101 tal-process). Billi rrizulta li Joseph Schembri kien assenti minn Malta gew appuntati kuraturi deputati biex jirraprezentawh u cjoe' Dr. Atnhony Cutajar LL.D. u P.L. Madeline Firman li pprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet f'ismu – ara fol. 116 tal-process.

Illi fil-meritu jirrizulta mill-provi li l-applikazzjoni u l-kuntratt ghal fini ta' installazzjoni ta' telefon u provvista ta' servizz gie ffirmat bejn il-korporazzjoni attrici u Doris Vella, illum mejta – ara Dok A, a fol. 5 tal-process. Dan il-ftehim igib id-data tat-8 ta' Marzu 1983 <u>u jirreferi ghan-numru tat-telefon 573618 u mhux kif hemm indikat fil-premessi u fit-talba tac-citazzjoni attrici li, invece jispecifika car u tond in-numru 473618</u>. Bl-istess mod il-kontijiet tat-telefon kollha jirreferu ghal dan in-numru 473618 u <u>mhux</u> dak li hemm imnizzel fil-ftehim. Jista' jkun li dan in-numru ta' linja differenti minn dak li jidher fil-ftehim kien rizultat ta' zball konsiderat il-fatt li l-fond fejn kellu jigi nstallat huwa l-istess wiehed u l-ahhar hames numri huma identici. Imma jekk inhuwa hekk jirrizulta li la saret xi korrezzjoni u lanqas xi talba f'dan is-sens. Il-Qorti ma tistax tipprezumi li sar zball imma jkollha tistrih fuq dak li jemergi fl-atti – processwali. Din il-kawza ilha li giet istitwita mit-2 ta' Awissu 1990, li jfisser li l-attur nomine altru milli kellu l-opportunita' li jirrevedi sew l-atti tal-kawza u jitlob il-korrezzjoni opportuna jekk tabilhaqq kien hemm zball, eccetto l-konsiderazzjoni li mbaghad hemm l-element tal-

preskrizzjoni fin-nofs. Din il-Qorti ma tantx thares b'simpatija lejn sorprizi bhal dawn imma mill-banda l-ohra hija tenuta li timxi u tiddeciedi fuq dak li jemergi mill-provi u mhux fuq suppozizzjonijiet li setghu jew li ma setghux graw.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tichad it-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez gjudizzjarji kontra l-Korporazzjoni attrici kif odjernament rapprezentata.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md